MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Talba Numru. 1780/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Ingrid Saliba abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi u l-istess Ingrid Saliba**

**vs**

**Karmenu Grima**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u erba u sittin centezmu (Lm745.64) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attrici Ingrid Saliba, assikurata tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u li ghalihom ghamlu tajjeb

kwantu ghall-ammont ta' Lm720.64 is-socjeta' attrici Fogg nsurance Agencies Limited u kwantu ghall-amont ta' Lm25.00 l-attrici Ingrid Saliba in linea ta' excess payment, bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Lulju 2002 ghall-habta tas-7.00pm gewwa Triq il-Wardija, San Pawl il-Bahar, Wardija bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABF 736 propjeta' ta' u misjuqa mill-attrici Ingrid Saliba u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAO 968 misjuqa mill-konvenut, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, mperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-raffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 2002 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz u bl-imghax pagabbli mit-28 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kienet unikament responsabbli is-sewwieqa tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABF 736, ossia Ingrid Saliba minhabba mperizja, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.
BL-ispjejes kontra l-atturi ngunti in subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta' PS 122 Jimmy Muscat, ta' Ingrid Xuereb u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti essebiti mill-partijiet.

Sema' t-rattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fit-2 ta' Lulju 2002, fi Triq il-Wardija, San Pawl il-Bahar, Wardija bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABF 736 msijuqa mill-attrici Ingrid Saliba u assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta attrici u l-vettura bin-numru ta-registrazzjoni JAO 968 misjuqa mill-konvenut.

Ingrid Saliba xehdet li dakinhar tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABF 736 fit-triq tal-Wardija sejra fid-direzzjoni ta’ Burmarrad. Hiaj kienet kwazi qabdet in-nizla u waslet f’dik il-parti tat-triq fejn hemm kurvatura meta f’daqqa wahda sabet il-vettura misjuqa mill-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta ma wicca. Hija tghid li ma kienitx rat il-vettura tal-konvenut qabel minhabba il-konfigurazzjoni tat-triq. Malli rat il-vettura tal-konvenut Saliba tghid li hija pruvat tersaq lejn ix-xellug taghha sabiex tevita l-impatt u anki l-konvenut resaq lejn ix-xellug tieghu sabiex jevita l-impatt.

In kontro-ezami Ingrid Saliba xehdet li fit-triq in kwistjoni ma hemmx demarkazzjoni ta’ kareggjati u tispjega li hija kienet qed issuq lejn nofs it-triq u b’velocita’ normali ghalkemm mam kienitx tiftakar kemm kienet il-velocita’ li biha kienet qed issuq qabel l-impatt. Ingrid Saliba tikkonferma li fil-post fejn sehh l-incident jghaddu zewg vetturi sejrin fid-direzzjonijiet opposti ghalkemm f’partijiet ohra tat-triq dan m’huwiex possibbli. L-attrici tispjega li meta rat il-vettura tal-konvneut l-ewwel darba kien hemm bejn wiehed u iehor tul ta’ zewg vetturi bejniethom.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAO 968 tielgha minn Burmarrad ghall-Wardija. Huwa jispjega li jghaddi minn dik ti-triq kwazi kuljum. Huwa jghid ukoll li kien tielgha bil-moghod u malli wasal f’dik il-parti tat-triq fejn hemm il-palazz ra l-vettura ta’ Ingrid Saliba gejja mid-direzzjoni opposta, fuq in-naha l-hazina tat-triq u qed issuq b’certu velocita’. Huwa waqaf ghaliex induna li hija kienet ser tibqa’ diehla fih u jispjega li ma kellux fejn jersaq sabiex jjipprova jevita l-impatt mal-vettura ta’ Saliba. Huwa jghid li meta ra l-vettura ta’ Saliba l-ewwel darba din kienet tul ta’ bejn zewg jew tlett vetturi l-boghod minnu u jikkonferma li t-triq in kwisjtjoni hija pjuttost imserrpa. In kontro-ezami huwa kkonferma li f’dik il-parti tat-triq fejn sehh l-impatt jghaddu zewg vetturi sejrin fid-direzzjoni opposta.

Din hija kollizjoni li sehhet fi triq dejqa fil-kampanja u f’dan il-generu ta’ kollizjonijiet ir-esponsabilita’ hafna drabi tigi

apporzjonata nofs bin-nofs u dan ghaliex is-sewwieqa rispettivi it-tnejn ikunu qeghdin isuqu lejn nofs it-triq. Kull kaz izda irid jgi kunsidrat u detrminat abbazi ta-cirkostanzi partikolari tieghu. Fil-kaz odejrn per ezempju it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici Ingrid Saliba ghandha titqies unikament responsabbli ghall-akkadut li jifforma l-mertu ta' din il-kawza. Mill-iskizz relattiv jidher car li l-konvenut kien qed isuq kompletament fuq sajdu filwaqt li Ingrid Saliba tidher li kient fin-nofs tat-triq jekk mhux parzjalment fuq in-naha l-hazina tat-triq. Inoltre mix-xhieda taghha stess jirriuzlta li hija gibdet lejn ix-xellug malli rat il-vettura tal-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta. Dan ifisser li hija kienet qed issuq aktar lejn il-lemin minn kif jidher fl-iskizz u ghalhekk hija zgur kienet qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq qabel l-impatt. Il-fatt li hija ghafset il-brejk meta rat il-vettura tal-konvenut izda ma rnexxilhiex twaqqaf il-vettura taghha fil-hin sabiex tevita l-impatt jindika li hija kienet qed issuq b'velocita' mhux kompatibbli mal-lokallita' in kwistjoni. Min-naha l-ohra jidher li l-konvneut kien qed isuq b'velcita' adegwata ghat-triq in kwistjoni ghaliex huwa rnexxielu jieqaf malli ra l-vetura tal-attrici gejja mid-direzzjoni opposta u inoltre huwa kien qed isuq fuq sajdu. It-Tribunal ma jirriskontra ebda traskuragni, negligenza jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan tal-konvenut.

Il-konfigurazzjoni tat-triq kienwt timmerita aktar prudenza da parti tal-attrici li kellha zzomm kemm jista' jkun lejn ix-xellug taghha u ssuq b'veloxcita' li tippermettilha tieqaf immedjatament malli tara vettura gejja mid-direzzjoni opposta u dan ghaliex it-triq in kwistjoni hija imserrpa u f'parijiet minnha ma jghaddux zewg vetturi sejrin fid-direzzjoni opposta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------